MALTA

# QORTI KRIMINALI
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Numru 11/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Mohamed Abdulla Gilani Gharsalla**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 11 tas-sena 2002 kontra l-akkuzat Mohamed Abdulla Gilani Gharsalla li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Ghall-bidu ta' Settembru 2000 u partikolarment bejn it-12 u t-13 ta' Settembru, 2000 assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2) fl-istess zmien partikolarment fl-20 ta' Settembru, 2000, sar hati ta' kumplicita' fid-delitt ta' importazzjoni f'Malta tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, u cioe' talli ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, u gieghel li l-istess delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, maniggi u eghmil qarrieqi, kif ukoll b'xi mod li jkun xjentement ghen, jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, u xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew wieghed li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew ikkumpensah u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3) fl-istess zmien u cioe' fl-20 ta' Settembru, 2000, sar hati talli bhala persuna li ma kienitx negozjant awtorizzat, kellu l-pussess ta' jew il-kontroll fuq flus barranin f'Malta minghajr qatt ma kellu il-kunsens tal-Ministru sabiex izommhom jew juzahom u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

Rat l-atti kollha processwali, inkluz l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat tal-20 t' Awwissu, 2002 li biha rrileva illi x-xiehda moghtija mix-xhud Mohammed Abusetta quddiem il-Magistrat Dottor Joseph Cassar m'ghandhiex tkun ammissibbli bhala prova w li qieghda inserita a fol.54 tal-process stante illi jirrizulta mix-xiehda sussegwenti tal-istess Abusetta ma kienetx volontarja ai termini tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 u ghaldaqstant ghandha tigi sfilzata mill-atti tal-process .

Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni fis-seduta tal-31 t' Ottubru, 2002 kemm tad-difiza kif ukoll tal-Prosekuzzjoni li qed issostni li din l-eccezzjoni ma treggix fl-ewwel lok ghax hawn si tratta ta' xiehda moghtija quddiem Magistrat , u fit-tieni lok ghax il-volontarjeta' ta' din ix-xiehda hija kwistjoni ta' fatt li jridu jiehdu konjizzjoni taghha l-gurati u ghalhekk din l-eccezzjoni hija intempestiva f' dan l-istadju u li din giet esebita a tenur tal-Art. 30A tal-Kap. 101.

Illi l-Abbli difensur , fil-kors tat-trattazzjoni orali tieghu , ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Jannar, 1995 fil-kawza **" Ir-Republika ta' Malta vs. Carmelo sive Charles Tabone"** fejn gie ritenut li konfessjoni jew dikjarazzjoni li kien irrilaxxja l-akkuzat fil-kors tal-inkjesta quddiem il-Magistrat Inkwirenti bla ma giet moghtija lilu l-"caution" li hu jista' ma jixhidx jekk b'dak li jghid seta' jinkrimina ruhu kellha ma titpoggiex quddiem il-gurati u giet ghalhekk dikjarata inammissibbli. Issottometta inoltre li ix-xhud Abusetta kien irtira minn din ix-xiehda meta rega xehed f' dan il-process fil-kors tal-kumpilazzjoni kontra l-akkuzat odjern u spjega li x-xiehda li kien ta quddiem il-Magistrat Cassar kien taha ghax kien imbezzgha w mhedded minn xi persuna fil-Libja.

Ikkonsidrat ;

Illi fil-kaz in ezami d-depozizzjoni li hemm esebita a fol. 54 et seq tal-process hija dik li ta x-xhud Abusetta fil-kawza kriminali kontra tieghu stess meta ghazel li jixhed fid-difiza tieghu nnifsu w fejn hu kien ovvjament assistit minn Avukat waqt l-istess xiehda w fejn hu ghalhekk ezercita l-ghazla li tatih il-ligi li jixhed fil-process kriminali fejn hu kien akkuzat u fejn kellu kull dritt li ma jixhidx kieku ried . Ghalhekk il-fattispecji ta' din ix-xiehda ta' Abusetta f'dan il-process huma alkwantu differenti minn dawk tal-kaz citat mill-abbli difensur.

Illi l-artikolu 30A tal-Kap.101 jiddisponi li :-

**"Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali , meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza , kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat u kull xiehda moghtija minn dik il-persuna quddiem xi Qorti tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza , kemm il-darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b' biza' , jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi ."**

Illi l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali jiddispoini li :-

**“Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta’ pregudizzju ghal ebda persuna ohra.”**

Illi d-dispozizzjoni tal-artikolu 30A li tinsab f’ligi specjali ghalhekk ovvjament tidderoga ghall-ligi generali bhal ma hu l-Kodici Kriminali (Kap.9) u fil-waqt li normalment japplika l-principju generali enuncjat fl-art. 661 fuq citat , il-legislatur ried li , f’kazijiet ta’ prosekuzzjoni kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101.) , fejn wiehed jifhem id-diffikoltajiet li jkollha l-Prosekuzzjoni fit-tmexxija ta’ kazijiet ta’ droga w fejn persuna nvoluta tista’ f’certu waqt tkun propensa li taghmel certi dikjarazzjonijiet li jinvolvu terzi w wara tigi assoggettata ghal pressjoni biex tibdel jew tirrinega l-versjoni taghha mit-terzi nvoluti, li tali dikjarazzjoni jew depozizzjoni kontra kull persuna ohra akkuzata b’reat taht l-istess Ordinanza tkun ammissibbli w tista’ tingieb bi prova.

L-istess ligi specjali pero’ taghmel rekwizit importanti biex dan ikun jista’ jsir u cioe’ li dan ikun possibbli “kemm il-darba **jinsab** li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b’theddid jew biza’ jew b’weghdiet jew bi twebbil ta’ vantagg.”

Issa il-kwistjoni kollha fil-fehma ta’ din il-Qorti hija mpernjata fuq din il-kelma “jinsab” . Hawn mhux kaz ta’ xi suspett jew kongettura jew dubju jew indikazzjoni “prima facie” li x-xiehda ma tkunx inghatat volontarjament , imma si tratta ta’ decizjoni mehuda minn min irid jiddeciedi dwar il-kwistjonijiet ta‘ fatt li fil-fatt dik id-dikjarazzjoni jew xiehda ma tkunx inghatat volontarjament . Dan ifisser li mhux bizzejjed li min jaghmel tali dikjarazzjoni jiddikjara f’ xi testimonjanza sussegwenti li hu ma kienx ghamilha volontarjament jew li kien mhedded jew imbezza‘ meta ghamilha , imma jinhtieg li jkun hemm decizjoni dwar dan . Mhux bizzejjed li jkun hemm xi indikazzjoni “prima facie” li ma saritx volontarjament kif qed targumenta d-difiza.

Issa fil-kaz tal-Qorti Kriminali komposta minn Imhallef togat u l-gurija, hija proprju din tal-ahhar li trid tiddeciedi dwar il-fatti w mhux l-Imhallef togat u dana jrid ovvjament isir fl-istadju tal-guri u mhux fl-istadju preliminari li tinsab fih il-kawza fil-prezent. Din il-Qorti hija prekluza f'dan l-istadju milli tiddeciedi kwistjonijiet ta' fatt u taht kwistjonijiet ta' fatt ovvjament jidhlu kwistjonijiet ta' kredibilita' u ta' valutazzjoni ta' provi tal-partijiet fil-kawza . Lanqas ma hija din il-Qorti f' dan l-istadju f' pozizzjoni li tiddeciedi liema mill-versjonijiet tax-xhud Abusetta hija vera, korretta jew kompleta, ghax ghada qatt ma semghet lil dan ix-xhud jixhed viva voce b' mod li tista' tikkontrolah u ghalhekk zgur li ma tistax tiehu it-tieni xiehda tieghu u cioe' dik moghtija quddiem il-Qorti ta' Magistrati (Malta) fil-kompilazzjoni kontra l-akkuzat , fejn qed jirrinega l-ewwel xiehda tieghu moghtija in difesa tieghu stess fil-kawza tieghu , bhala vera jew inveritjiera.

Ghalhekk il-Prosekutur ghandu ragun meta jissottometti li il-kwistjoni tqajjmet intempestivament u li din se mai trid titqajjem quddiem il-gurija bhala kwistjoni ta' fatt b' dana li, se mai , il-gurija tigi istruwita mill-Imhallef togat li , f'kaz li huma jaccettaw bhala fatt pruvat it-tieni xiehda ta' Abusetta w allura jaccettaw li l-ewwel depozizzjoni tieghu u cioe' dik a fol. 54 et seq. ma saritx volontarjament , allura ghandhom jinjorawha.

Illi umbaghad hemm ukoll id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 584 u 586 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-artikolu 645 tal-Kap.9 li jiddisponu li :-

**"Il-parti li ggib ix-xhud .....tista' tikkontradicieh bi prova ohra , u tista' ukoll tipprova li f'okkazzjonijiet ohra huwa kien ghamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xiehda li jkun qieghed jaghti." (art. 584)**

u l-art. 586 ikompli jiddisponi :-

**(1) "Qabel ma tigi attakkata l-kredibilita' ta' xhud bi provi li f'okkazzjonijiet ohra huwa kien ghamel**

**dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xiehda tieghu , ghandhom jinghadu lilu dawk id-dikjarazzjonijiet bic-cirkostanzi taz-zmien , tal-lok u tal-persuni prezenti u huwa ghandu jigi mistoqsi jekk kienx ghamel jew le dawk id-dikjarazzjonijiet ; u ghandu jigi lilu moghti li jispjeghom .**

**(2) Jekk dawk id-dikjarazzjonijiet kienu saru bil-miktub , ghandhom jigu murija lix-xhud qabel ma ssirlu ebda mistoqsija fuqhom ."**

Ghalhekk taht il-ligi , kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza ghandhom dritt li jikkonfrontaw lil-Abusetta b' dak li xehed bil-gurament fil-kawza tieghu stess u biex jaghmlu dan iridu l-ewwel jaqrawlu x'kien xehed u biex dan isir hu ovvju li it-traskrizzjoni tal-istess xiehda tieghu trid tkun esebita fil-process kif fil-fatt hi . Ghalhekk anki taht dan l-aspett ix-xiehda a fol-54 mhux talli m'ghandhiex tigi sfilzata f'dan l-istadju kif qed titlob id-difiza , imma hu mehtieg li tibqa' biex l-istess xhud jinghata l-opportunita' li, wara li tinqralu, jispjiegha .

Illi umbaghad wiehed irid jaghmel distinzjoni fondamentali bejn l-inattendibilita' ta' depozizzjoni u l-inammissibilita' taghha. Il-fatt li skond id-difiza l-ewwel xiehda ta' Abusetta mhux kredibbli u mhux attendibbli per se' ma jkunx jirrendiha inammissibbli skond il-ligi . Il-kwistjoni ta' kredibilita' ta' xhud hija kwistjoni ta' fatt li f' din il-Qorti hija rizervata ghall-gurijia w allura trid titqajjem biss fl-istadju tal-guri w mhux f' dan l-istadju.

Ili ghalhekk taht kull aspett l-eccezzjoni tal-akkuzat ma tistax tigi milqugha w ghall-motivi fuq esposti qed tigi michuda .

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Assistent Registratur

25.11.02